MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2005

Numru. 20/2005

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 261, 263, 264, 267, 278, 293, 298A, 298 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 35 (1) (a) (b) (c) (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**MARCELL TABONE**

**Illum 9 ta' Awissu 2005**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat **MARCEL TABONE** ta' 45 sena, iben Francis u Giorgia nee' Cardona, imwieled Victoria, Ghawdex nhar it-18 ta' Ottubru 1959 u li joqghod 78, Palm Street, Victoria, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 57459(G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Awissu 2003 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizjonijet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' servizz tal-cable television ikkwalifikat bil-mezz, hin kif ukoll bil-valur li jiskorri il-mitt lira Maltija izda mhux l-elf lira Maltija ghad-detriment tad-dirigenti tas-socjeta Melita Cable Plc;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi qatta, kisser, waqqa, iddistrugga, ghamel hsara, nehha, baghbas jew ikkonnettja ma xi parti ta' apparat, duct, arblu, cabinet, fil-cable jew oggett jew haga li jkunu, li jaghmlu sehem minn, jew li jintuzaw jew iservu fin-network ta' cable television;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bena, biddel, ghamel, ipossjeda, biegha jew xtara xi apparat li bih seta jikkonnetja kontra l-ligi ma sistema ta' telekomunikazzjoni;

5. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

6. U aktar, fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bena, sewwa, zamm f'kundizzjoni tajba, biddel jew ikontrolla xi apparat jew istallazzjoni minghajr ma kellu il-kwalifiki mehtiega ghal dan l-iskop bl-Att li jirregola l-Komunikazzjonijiet elettronici jew tahtu

7. U aktar, fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda jew installa jew uza xi stallazzjoni jew apparat li ma jikkonformax ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti fl-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu, jew li kien jaf jew kellu tassew ragonevolment ghaliex jahseb, li kienu difettuzi jew inkompatibli mas-servizzi li dwarhom ikunu inbieghu, gew provduti istallati jew uzati;

8. Kif ukoll fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ipprovda xi sevizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew installa jew haddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu jew bi ksur ta' xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti bl-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu;

9. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew itraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn

impriza ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta' Awissu, 2005 mmarkat bhala dokument CB 3 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta minn ezami li sar nhar l-erbgha ta' Awissu, 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbgha ta' Awissu, 2005 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erbgha ta' Awissu, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

**Dwar il-piena**:

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` il-fatt kif jirrizulta mill-ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat dokument CB 4 li mhix kontestata mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat ghamel uzu illegittimu tal-cable ghall-perjodu li ma kienx aktar minn tlett xhur.  Ghal dan il-ghan semghet ukoll il-Prosekuzzjoni tiddikjara fil-verbal taghha tal-erbgha ta' Awissu, 2005 illi l-imputat kien semplici user u li l-konnessjoni illecita ma saritx minnu.

Qisiet ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata kif ukoll il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u anke kif jirrizulta minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata minnu a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe` fis-sittax ta' Awissu, 2003 (dokument CB 5).

Rat il-fedina penali relativament nadifa tal-imputat minn fejn jirrizulta illi l-imputat kien instab hati biss ta' reat wiehed kommess kontra legislazzjoni fiskali fis-sena 1997 meta gie ikkundannat ihallas multa ta' sittin lira Maltin.

Rat ukoll illi b'dak li ghamel l-imputat is-socjeta` Melita Cable plc soffriet danni minimi u li l-imputat iddispjacih ta' dak li ghamel u ghalhekk taht dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti mhix tal-fehema li ghandha tapplika piena ta' prigunerija izda thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-provvediment tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 261, 263, 264, 267, 278, 293, 298A, 298 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 35 (1) (a) (b) (c) (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat MARCELL TABONE hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------